**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 351/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jennifer Catania**

Illum, 30 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Jennifer Catania detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 559677M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Gunju, 2016 ghall-habta ta' 20.30hrs gewwa l-fond Bini tal-Gvern Blok I, Flat 5, Triq il-Mithna Haz Zebbug:

1. Ghamlet ingurji u theddid mhux imsemmija banda ohra fil-Kodici Kriminali u jekk kienet pprovokata harget il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Maria Catania.

2. U aktar talli bl-imgieba taghha, ikkagunat lil Maria Catania biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha.

3. Bl-imgieba taghha gabet ruhha b'tali mod li tat fastidju lil Maria Catania meta kienet taf jew messha kienet taf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.

4.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 251B u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti sabet lil Jennifer Catania mhux hajta tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatha in kwantu ma gietx soddisfacentement ippruvata. Mill-banda l-ohra l-Qorti sabitha hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u peress li qieset li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux spedjenti li twahhal piena, poggiet lil hatja Jennnifer Catania taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena, b'dan li ghal dan l-iskop qed tordna li l-istess titqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation u Parole, u soggetta ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Jennifer Catania bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness mas-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonfroma ruhha ma dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza, nonce il-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas ta' adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-htija ddikjarat li taqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-artikolu7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess ghandhom jigu

trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Jennifer Catania.

L-uffical tal-probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lill-Qoti kompetenti bil-progress tal-hatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, sabiex tigi mghejjuna tgheleb xi diffikultajiet psikologici li skont ir-relazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation tidher aflitta minnhom, il-hajta qeghda titqieghed ukoll that ordni ta' trattament skont l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali u dan ghal-perjodu ta' sena skont it-termini tad-digriet moghti llum stess u li jifforma parti integrali mis-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jennifer Catania minnha pprezentat fl-1 ta' Awwissu, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-appellata kienet liberate mit-tielet akkuza, tirriforma tali sentenza billi tiddikjara li l-akkuzata appellate ma hijiex hatja tal-akkuzi l-ohrajn u tilliberha minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi din il-kawza ddur u tistrieh biss fuq il-verzjoni tal-parte civile kif kontradetta minn dik tal-appellanta u r-ragel taghha (iben il-parte civile) li huma l-unici persuni prezenti ghas-sitwazzjoni li zviluppat.

Illi l-parte civile fix-xhieda taghha uriet bic-car illi hija ghandha ir-realta taghha alterata u dan billi qalet li l-akkuzata u zewgha hadulha kullma kellha fid-dar. Hija rrifereiet hekk ghall-effetti mobbli u godda bi spiza personali ta' €43,000 u dan bla ma qatt talbu l-ebda forma ta' assikurazzjoni minghand il-parte civile. Ghal parti civile l-fatt illi l-akkuzata u zewgha nehhew l-imbarazz li kellha u bidluh bil-gdid bi spejjez taghhhom, kien ifisser li riedu jkeccuha mid-dar. Ghaliha dan kien ifisser li riedu jezercitaw xi forma ta' biza fuqha biex tkun kostretta titlaq mid-dar. Illi ghandu jkun rilevat illi l-akkuzata u zewgha kellhom kull opportunita' li jdawru l-kirja fuqhom meta l-parti civile isseparat minn

zewgha, imma dan ma ghamlux u dawru l-kirja fuqha. Dan juri bic-car kemm l-akkuzata ma kellha l-ebda intenzjoni fl-ebda moment li tkecci lill-parti civile mid-dar taghha billi meta kellha c-cans din baqghet onesta lejn l-istess parte civile.

Illi ghalhekk anki l-verzjoni tal-parte civile li tghid illi l-akkuzata tkecciha mid-dar u ma tkunx tista' tirritorna lura d-dar hija ghal kollox inveritjiera u dan ghal hafna ragunijiet. Fl-ewwel lok il-parte civile minn dejjem kienet tohrog minn filghodu sa filghaxija tiltaqa ma shabha. Kif xehdet l-akkuzata, zewgha u anki l-parte civile stess, din ta' l-ahhar tohrog bhas-soltu, imma kif spjegaw tajjeb l-akkuzata u zewgha,m l-akkuzata tghidilha biex ma tmurx id-dar malajr f'certu granet ghax l-akkuzata tkun tird tahse id-dar b'mod metikoluz izzejjed u ma tkunx trid lil had itellifha speclament xi had bla parti civili li ma taghmel xejn hlief thammegg. Il-parti civile stess irrikonoxxiet dan il-fatt u cioe' li l-akkzuata tiehu hisebha sew u li tkun trid tnaddaf, imma quddiem il-Qorti xehdet li meta l-akkuzata tghidilha ma tidholx kmieni d-dar ghax tkun qed tahsel, thoss li tkun trid tkecciha. Fl-ebda moment l-akkuzata ma ghamlet xi forma ta' theddid jew ingurji li jmorru lil hinn mill-provokazzjoni. L-unika cirkostanza li forsi sehhet realment kienet dik li l-akkuzata ghliet lehinha mal-parte civile ghax fl-ezasperazzjoni tal-ewwel waqt qed tnaddaf tara l-parti civile tigi taqa u tqum minnha u x-xoghol li taghmel, qaltilha biex taghmel xi haga jew ghal-inqas ma ttellifx fit-tindif. Trid tkun bla demm sabiex ma tghollix lehnek wara hafna drabi tissaporti kontra min ma jkunx qed jaghti kasek jew jurik rispett. Billi tgholli lehnek ma jfissirx li tkun qed tikkaguna theddid jew ingurji.

Illi bl-istess mod kif l-ewwel akkuza ma setghet qatt tkun ppruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, hekk ukoll it-tieni akkuza billi ma rrizulta minn imkien li kien hemm xi forma ta' theddid mill-akkuzata li setghet intuzat jew kienet se tintuza xi vjolenza fil-konfront tal-parte civile. Tant hu hekk illi wara kull seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-parti civile u l-akkuzata marru flimkien id-dar u l-akkuzata kompliet tiehuy hsiebha kif kienet tghamel bhal dejjem. Illi da nil-fatt ma kienx michud waqt il-gbir tal-provi u juri bic-car kemm il-parti civile ma kienitx qed tibza mill-akkuzata jew zewgha kif allegat fit-tieni akkuza. Kien propju wara li gie stabbilit dan il-fatt li ghall-ebda raguni

logika il-parti civile telqet mid-dar minn jeddha bla ma had qalilha jew ghamlilha xi haga. L-unika insistenza fix-xhieda taghha kienet li l-akkuzata u zewgha riedu jkeccuha mid-dar ghax nehhewlha kollox u ghax meta tkun tnaddaf l-akkuzata tghidilha biex ma tirritornax id-dar kmieni.

Illi hija ghalhekk fl-umli fehma tal-appellanta illi l-prosekuzzjoni ma ppruvat xejn fil-konfront tal-akkuzata, ahseb u ara kemm ippruvat l-ewwel u t-tieni akkuza lil hinn minn kull dubju ragonevoli. Apparti l-fatt li dak akkadut ma jinkwadrax ruhu fl-akkuzi, ix-xhieda tal-parte civile kienet kontradetta minn dik tal-akkuzata u zewgha, u ghalhekk fl-ahjar ipotezi, inholoq kunflitt fil-provi li jwassal ghal aktar minn dubju ragjonevoli fuq il-htija o meno tal-akkuzata skont l-akkuzi kif dedotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affiavit ta' **PS 1284** mahluf nhar it-13 ta' Gunju, 2016 fejn dan stqarr li fid-9 ta' Gunju, 2016 ghall-habta ta' 9.20a.m Mary Catania irraportat flimkien mas-social worker taghha mid-dipartiment tal-anzjani certu Maria Camilleri fejn Mary Catania stqarret li ghal dan l-ahhar sena hija kient qed tigi mhedda u mghajjra gewwa r-residenza fejn tabita u cioe' Blk 1, Flat 5 Triq il-Mithna, Zebbug mill-mara tat-tifel taghha certu Jenifer Catania.

Mary stqarret li Jennifer kemm il-darba kient tigi mhedda mill-mara tat-tifel taghha bi kliem bhal 'naqsamlek rasek', 'nifgag' u 'int c-cimiterju u jien il-habs' kif ukoll jkun hemm kliem ta' tghajjir bhal 'qahba'. Catania stqarret li dan it-theddid ilu jsir snin fejn minhabba dan it-theddid din kient qed tohrog mid-dar kmieni filghodu u tidhol fit-tard bil-lejl. Catania stqarret li l-ahhar li giet mghajra kien fil-gurnata ta' qabel u cioe' fit-8 ta' Gunju 2016 meta dhalet gewwa l-imsemmija residenza ghal habta ta' 08.30p.m. u Jennifer kienet

ghajritha 'qahba' fost kliem ta' tghajjir iehor.

Is-social worker stqarret li min naha taghha hija kelmet lit tifel taghha Lawrence u l mara Jennifer Catania dwar dan ir-rapport. Jenifer Catania giet mitkelma fen giet mghtoija s-solitu dritt tal-avukat qabel ma tittiehed l-versjoni taghha fejn hija irrifjutat li tesercita dan id-dritt u ffirmat dikajrazjoni f'dan ir rigward.

Jennifer Catania stqarret li hija vera jkollha argumenti ma Mary Catania izda dan minhabba l-fatt li din issib kollox lest u meta titlobha sabeix tghinha f'xi haga Mary ma tatix kasha. Jennifer stqarret li fil-post fejn jabitaw tiehu hsieb kollox hi, ssajrilha, tahslilha l-hwejjeg, tiehu hsieb il-medicina li tiehu u affarijiet ohra. Jennifer stqarret li fir-rabja hija vera gieli qaltilha kliem bhala 'ghazziena', 'mahmuga' u 'ma trid tghamel xejn' izda qatt ma kient heddidtha. Jennifer stqarret ukoll li Mary tohrog minn filghodu u tidhol lura filghaxija.

**Maria Catania** xehdet nhar it-2 ta' Dicembru 2016 u spjegat li kienet marret l-ghassa tal-pulizija u ghamlet rapport ghaliex kient giet imkeccija, mehdda u mahqura mill-mara tat-tifel Jennifer Catania. Spjegat li din kienet ghajjritha 'qahba'. Qalet li hija kient tghix fid-dar Block 1, Flat 5, Mill Street, Zebbug u meta kienet tmur id-dar kmieni din Jennifer kienet tghajjarha. Tghid li Jennifer kienet tghidilha li m'ghandha xejn minkejja li kienu jghixu flimkien. Qalet li trid tidhol id-dar filghaxija fit-tard ghaliex mal-jum Jennifer tkun qed tahsel u ma tkunx trid min jghamlilha s-saqajn. Meta kienet tirritorna id-dar kmieni Jennifer kienet tghidilha xi kliem zejjed u kienet twegibha 'fejn trid li immur'. Fis-sajf kienet toqghod fuq il-bank tghid kelma. Qalet li d-dar hija taghha pero' ma tistax tidhol bic-cavetta trid icempel u tismaghha tghid 'ara giet il-qahba'. Minkejja li d-dar hija taghha Jennifer kieent hidilha 'li m ghandha xejn hemmhekk'. Id-dar hija proprjeta' tal-Gvern mikrija lilha ghal dwn l-ahahr 47 sena. Qalet li Jennifer ilha tghix maghha ghal madwar ghaxar snin. Cahdet li ghaddietilha din id-dar. Il-kirja kienet tghjajat lil zewghha li illum jghix tas-Sliema. Minkejja dan kollu pero' tghid li issib kollox lest ghaliex Jennifer kollox tlestilha. Tghid li l-ilment taghha jikkonsisti fil-fatt li ma tistax tidhol gewwa darha fil-

hin trid. Kinet tilqaghha fil-bieb u tghidilha 'ieqaf ghalxejn nghidlek tigiginix kmieni…' tghid li lanqas siggu ma kienet ittiha. Dan l-inkwiet pero' hu limitat ghal jum it-Tnejn, l-Erbgha u is-Sibt meta Jennifer tkun qed tahsel. Fil-granet l-ohra ma hemmx problemi.

Mistqosija tispjega l-hinijiet taghha spjegat illi kient tohrog mid-dar ghall-habta tat-8.30 a.m. jew id-8.45p.m u tirritorna lura id-dar ghall-habta tas-7.30p.m. Mistoqsija fejn kienet tmur tghid li kient tmur wasla sal-Belt tiltaqa' ma xi habiba jew toqghod Haz Zebbug ma shabha. Anke meta kient tkun ma tiflahx kienet tkecciha biex tohrog 'l barra. Hija kienet tohrog ghax tibza' minnha u kient tghajjarha 'qahba'. Anke ricentement qaltilha li sabuha beccun u kwieta u Jennifer wegbitaha 'Mur ja qahba li int'.

Qalet li qatt ma hedditha izda kienet mahqura maghha ghax dejjem tkecciha 'l barra. Tghid li darba minnhom, xi sena ilu anke refghet idejha fuqha u gew il-pulizija u sabu l-gdim fuq idejha. Pero' apparti din l-okkazjoni ma kienx hemm darb' ohra meta refghet idejha fuqha. Qalet li Jennier kien ikollha hafna x'taghmel u ghalhekk kienet tara ma min ser taqbad.

Qalet li ramewlha kollox u lanqas siggu ma baqghalha u dan sabiex dahhal l-ghamara tieghu. Hija gabet lil binha maghha ghaliex kellu tlett itfal. Qalet li ma kienitx taf xejn dwar Jennfier ghaliex kieku ma kientix tagheml dak il-pass. Qalet li hija kienet tinhasel l-ahhar u ghalhekk gieli kellha tistenna hafna. Insistiet li kollox issib lest ghax Jennifer nadifa hafna kull ma taghmel id-dar hu li tifrex is-sodda taghha. Anke tlestilha it-te u tippreparalha il-pinolli. Hija tiekol id-dar filghaxija biss u mill-ikel li issajjar Jennifer jew it-tifel taghha. Ta' dan kient ittiha is-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar. Hija ghandha erba mitt uero (€400) fix-xahar u ghalhekk ittiha nofs dak li ddahhal. Tixtrilha ukoll bil-flus li ttiha. Minn dawk il-mitejn euro (€200) Jennifer thallas ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma u l-kera fl-ammont ta' €45 kul tlett xhur lil Gvern.

Mistoqsija meta ghamlet ir-rapport tghid li kienet tmur l-ghassa ta' sikwit kull meta Jennifer tghajjat maghha.

**Maria Camilleri** xehdet nhar it-2 ta' Dicembru 2016 u spjegat illi tahdem bhala social worker ma Commcare, St' Lukes Hospital. Commcare hija unit fejn jipprovdu servizz lin-nies fil-komunita' mhux anzjani biss izda lil kulhadd. Tghid li s-sena l-ohra kienet dahlet telefonata fis-Segretariat taghhom war abbuz ta' anzjani u gie riferut lilha. Taf li kelmet lill-appellanti u zewgha Lswrence fid-dipartiment tal-Belt waqt li hija kienet akkompanjata minn Maria Fenech li hija Manager, Mary Grace Cassar li hija Occupational Therapist u l-Assistant Direttur. Qalet li malli cemplulhom marru mill-ewwel. Ir-rapport kien ighid li kien hemm anzjana li kienet qed tigi abbuzata min binha u martu. Kienu jghajtu maghha u jkeccuha 'l barra. Ikkonfermat li dan ir-rapport kien wiehed anonimu.

Ir-rapport fisser li kien hemm mara anzjana certu Maria Catania li kienet qed tigi maltrattata mill-mara ta' binha. Qaltilhom li din l-anzjana tghix ma binha u martu fid-dar taghha. Qalet li jkecccuha 'l barra fit-8.00 a.m. ta' kuljum u din l-anzjana tirritorna lura lejn darha filghaxija ghal-habta tat-8.00p.m. Zidet tghid li l-gurnata ta' qabel li kienet gurnata Tlieta u kien fis-7 ta' Jannar 2016 l-anzjana marret lura id-dar kmieni u din l-mara ta' binha tatha xeba xkupa u fil-fatt hija rat it-tbengil. Qalet li imbaghad iltaqghet ma Lawrence u Jennifer konjugi Catania li kienu fuq id-defence. Stqarru li minn mindu ingabret maghhom hadet ir-ruh u dan ghaliex hija mara traskurata u mahmuga, bdew isaqsuha kif wasal ghandhom ir-rapport. Qalet li it-tnejn li huma cahdu l-allegazzjoni fil-konfront taghhom li kienu qed jittrattaw hazin lil omm Lawrence. Temmen li Jennifer tista' tkun qed tbati minn OCD ghaliex kif kelmitha il-hin kollu isemmi t-tindif. Ammettiet maghha li tahsel l-art kuljum u dan sas-7.30 p.m. u li ma tiehux pjacir li ommu tkun fil-vicinanzi meta tkun qed tnaddaf. Stqarrew li omm Lawrence minn dejjem kienet tqatta l-gurnata barra mid-dar u mhux meta marru jghixu maghha.

Ikkonfermat li kienet zammet *home visit* fil-flat fejn kienet tirrisjedi Maria Catania u kellmitha.

Fid-29 ta' Mejju 2016 taf li Maria marret l-ufficcju taghha u bdiet tibki hafna u bdiet

tispjegalha x'jigri d-dar u li ma felhitx titkellem u bdeit tispjegalha x'jigri fid-dar u li kienet tirraporta lill-pulzija izda meta tghamel hekk l-afarijiet imorru ghall-aghar. Qalet li meta kient l-ufficcju taghha kient tghidilha li ma setghetx tkompli sejra hekk. Qalet li Jennifer kient tghidilha meta kient tmur tirraporta l-ghassa biex tmur fejn trid ghax ma tibza minn hadd. Kien ghalhekk li iddecidiet li tmur maghha l-ghassa biex tikkonferma ir-rapporti taghha u marru flimkien fid-9 ta' Gunju 2016. Mistqosija jekk qattx rat xi haga ta' 'concern'' fuq il-persuna ta' Maria tghid li le. Ikkonfermat li kienet tiltaqa' ma Mari meta kient tidhol il-Belt.

Ikkonfermat li imbaghad bin Maria, Lawrence kien icempillha u jghidilha biex twaqqa' l kawza u darba minnhom pprova anke jidhol fil-facebook taghha izda ma tatux wicc. Darb minhom kienet taf li ser tkun il-policlinic u marret tfittixha hemm u sabitha flimkien ma Jennifer fejn kellha l-problema fil-kliewi minhabba li kienet qed tiehu l-cataflast.

Darb ohra marret il-policlinic u meta kienet hemm maghha dahal Lawrence u qamet xenata kbira u Maria twerwret.

Hija pprezentat ir-raport taghha fuq dak li qaltilha Maria Catania stess. Din il-Qorti pero' mhux ser taghti konsiderazzjoni lil dan id-dokument stante li x-xhud xehdet viva voce. Ikkonfermat li qatt ma rat lil Maria mahmuga. Pero' skont ma qaltilha Maria, Jennfier kient tghajjat maghha u anke terfgha idejha fuqha.

Rat id-dokument esebit fl-atti a fol 68 mahrug mid-dipartiment tal-Finanzi u Ekonomija datat 11 ta' Ottubru 2010 fejn hemm indikat li l-Gvern irrikonoxxa lil Maria Catania bhala l-inkwilin tal-falt 5, Block 1, Triq il-Mithna, Bini ta' Gvern, Zebbug.

Rat il-verbal datat 5 ta' Dicembru 2016 fejn ordnat lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex ihejji pre-sentencing report b'dan illi ghandu janaliza sewwa il-qaghda u c-cirkostanzi illi fihom qieghdin ighixu l-imputata u zewgha u ommu Maria Catania u jevalwa sewwa s-sitwazzjoni u l-imgieba tal-parte civile u ta' l-imputata u johrog b'dawk ir-rakomandazzjonijeit li jidhrulu xierqa u opportuni fil-kaz.

Nhar il-5 ta' Dicembru 2016 xehdet l-**Ispettur Kylie Borg**, fejn stqarret li gie a konjizzjoni taghha rapport maghmul minn anzjana Maria Catania li toqghod fil-lokalita' li tiehu hsieb u s-surgent kellmitha dwar dan il-kaz. Din Maria Catania allegat li kienet qed tigi mghajjra b'mod dispregjattiv minn mart it-tifel taghha Jennifer Catania. Giet mgharfa ukoll li din l-anzjana kienet qed tghaddi granet shah barra mid-dar taghha sabiex tevita l-konfronti. Qaltilha ukoll li l-mara ta' bina hija peruna nadifa hafna u waqt li kienet tnaddaf ma tkunx tridha d-dar biex ma tirfsilhiex 'l u 'l hawn u ma tkunx qieghda fin-nofs. Qaltilha ukoll li minhabba illi kient tibza' illi taqla l-inkwiet kienet tibza' wkoll illi forsi jigri xi haga lilha ma kientix tirraporta lil pulizija. Fil-fatt ir-rapport li kienet ghamlet din Maria Catania kienet fil-fatt ghamlitu ma' social worker fid-dipartiment tal-anzjani. Hija tkellmet ma din is-socjal worker li irrepetiet l-istess affarijiet li kienet qalet lilha l-anzjana u kien ghalhekk li ordnat li jhorgu l-akkuzi fil-konfront tal-appellanti.

Spjegat ukoll li bin l-anzjana Lawrene Catania kien mar ikellimha u hass li ma kienx sew li din is-social worker kellha tindahal fl-affarijiet tal-familja tieghu. Qal li b'dak li kienet qed taghmel is-social worker kienet qed ittiha bizzejjed biex iserrah fuqu. Qalet li lanqas ma kien sew li din is-ocial worker kellha tmur tfittixha il-polyclinic. Spjegat ukoll li l-ghada li kient xehdet l-anzjana l-Qorti f'din il-kawza, l-anzjana marret taghmel rapport li binha ghamel il-ponn ma wiccha. Ikkonfermat li hija qatt ma tkelmet ma Jennifer Catania.

Mistoqsija tispejga x'kien l-incident tal-polyclinic tghid li binha Lawrence u martu Jennfier kienu akkompanjaw lil Maria Catania l-polyclinic u hemmhekk marret tfittxha s-social worker u inqala' xi diskors zejjed. Spjegat li wara li xehdet il-Qorti l-anzjana giet akkumpanjata lura d-dar mill-appellanti u Lawrence Catania u huma u sejrin qalulha x'inkwiet qlajtilna.

L-**appellanti Jennifer Catania** xehdet quddiem l-ewwel Qorti nhar il-5 ta' Dicembru 2016 (fol. 85). Spjegat illi hija ilha mizzega lil Lawrence Catania bin l-parte civile ghal dawn l-ahhar dsatax-il sena u kienu ilhom jghixu mal-kwerealnti ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.

Spjegat li kellhom xi problem finanzjajri u kien ghalhekk li marru jghixu maghha u dan

wara li kienu irrangaw il-post taghha. Tghid li l-fridge, cooker ma setghux juzawhom, l-ghamara kellha hafna susa u mifqugha, gass ma kienx hemm insomma u ghalhekk hargu l-affarijeit il-hziena. Spjegat li lanqas ma kienti torqod fuq sodda izda fuq sufan u l-kmamar kienu kollha blokkjati bl-affarijiet.

Ghalhekk ordnaw l-iskips u l-affarijiet hziena ramewhom u minflokhom dahlu l-affarijiet il-godda. Izda l-affarijiet it-tajba kif stqarret l-kwerelanti zammewhom. Qalet li hija hallset ghal dawn l-affarijiet il-godda flimkien ma zewghha. Spjegat li fid-dar maghhom kienu jghixu ukoll it-tlett itfal. Qalet li l-post hu mikri lilha minghand il-Gvern u hija ghandha karma tas-sodda ghaliha

Qalet li omm ir-ragel kient tohrog mid-dar kuljum anke qabel ma marru jghixu maghha tant hu hekk li gieli kien imur ifittxa it-tifel u ma jsibhiex. Qalet li mhux vera tkecciha l-barra meta tkun qed tnaddaf. Qalet li cavetta tad-dar ghandha u kull meta trid tkellem lill-ohtha kient tqabbadha hi stsss. Spjegat li s-socjal worker kienet marret izurha id-dar jum is- Qorit Sibt u offretilha biex tidhol fil-kamra biex ikunu wahdehom izda qaltilha li ma kienx hemm ghalfejn.

Cahdet li ghajjritha izda qalet li tghidilha li hi ghazziena ghax ma trid taghmel xejn. Per ezempju anke kikkra te' bil-pilloli tlestilha fuq il-mejda u wara tpoggiha fis-sink taghmliha bl-ilma u hija tghidilha '*ahsilha almenu*'. Imma ma tkunx trid. Tghidilha ukoll 'imsah il-kamra 'izda m'ghandekx cans li ser tghinha. Kollox taghmel hi, tahsel, tonxor taqla' u terfa' l-hwejjeg. Cahdet li qatt keccietha 'l barra. Kultant ikollhom argumenti bhal ma jkollhom tal-familja u kulhadd ikollu d-dwejjaq tieghu tghid li familja bi tlett itfal ghandha x'tiehu hsieb.

Qalet li damu jirrangaw il-flat taghha ghal perijodu ta' tmien xhur minhabba l-istat li kien fih. Lanqas ilma ma kien hemm lanqas biex itfflaxja t-toilet. Mistoqsija jekk hux minnu li Maria Catana talbithom jitilqu 'l barra tghid li dwar dan ma taf xejn. Ikkonfermat li darba fil-gimgha nhar ta' erbgha kienet tghidilha biex ma tidholx kmieni d-dar mhux qaebl is-7.00p.m. biex tkun tista' tnaddaf. Tghamel hekk biex meta tidhol id-dar issib in-nadif

tiekol u toqghod komda fil-kamra taghha. Kollox kienu tiehu hsieb hi, ikel, tindif, tisjir u anke visiti lejn il-pliclilnic. ta' dan kollu ittiha is-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar u tuzhom ghall-hajja.

Spjegat li ghandhom agreement ma tad-dawl u ilma u qed ihallsu l-arretrati b' pagamenti fix-xahar u l-kera tithallas fis-somma ta' €45 u qeda fuq isem il-kwerelanti.

**Lawrence Catania** bin il-kwerelanti xehed nhar il-5 ta' Dicembru, 2016 ikkonferma li kien ilu ighix ma ommu flimkien mal-familja tieghu sa mis-sena 2007. Qabel ma marru jghixu ma ommu jghid li ilma ma kelliex fil-flat. Il-kanenn kienu kollha mizduda. Hmieg kbir u kienu isibuh il-girien u jghidulu li jghatu l-ilma lill-ommu. Gieli qalulu li kienu jaraw lill-ommu hierga mill-latrina tidhol bi hwejjeg u tohrog b'ohra u dan ghaliex kienet tohrog minn filghodu sa filghaxija. Spjega li ommu kienet torqod fuq is-sufan kif tidhol l-ewwel bieb bl-imbarazz ma kontx tidhol sa gewwa. Kien ikun hemm bottijiet skaduti tal- preserv ma l-art mifqughin. Qal li ma jiehux gost jghid kontra ommu izda dak li hu ser ighid. Qal li huwa rranga l-post u nefaq mas-sbatax-il elf euro (€17,000). Ommu ma tammettix li kellha l-hmieg. Biex izzewweg hu ritratti kellu mill-kuritur sal-bieb ta' barra biss ghandu. Kemm huh kif ukoll huwa kienu qalulha kemm il-darba biex ibajdu izda kienet tghidilhom biex ma jmissulha xejn. Huh ikbar minnu seba' snin. Meta izzewweg jghid li kellu problemi finanzjajri u ghalhekk talab lil ommu jekk riditx li jmorru jghixu maghha u jirrangawlha l-post. Qal li dak iz-zmien il-kera kienet ghada tghajjat lil missieru u kienet b'lura u hallasha hu ukoll ghall-ewwel kellu ftiehim ihallas mensilment izda imbaghad hallas kollox li kien fadal fl-ahhar f'daqqa u cioe is-somma ta' €1,035 u dawwar il-kera' ghal fuq isimha. Qali dan ghamlu meta kien ghadu hiereg mill isptar fuq imsemmija ta' €17,000 u dan kien fis-sena 2010. Illum ghandhom erbat ikmamar tas-sodda wahda taghhom, wahda tat-tifla, wahda taz-zewg subien u wahda ta' ommu .

Mistoqsijekk hux minnu ikeccu l-ommu 'l barra jghid li mhux minnu izda ommu kienet tohrog minn dejjem. Huwa qatt ma sema' lil martu thedded lil ommu ghalkemm forsi tghajjarha 'mahmuga' ghax din ma taghmel xejn, lanqas tazza ma tahsel. Ma tghinha xejn.

Malli tidhol gewwa tfittex is-siggu u bilqieghda toqghod. Qal li fil-garage tieghu ghandu sitt kaxxi hwejjeg ta' ommu. Ommu kient tixtri u terfa il hin kollu. JAf li qaltlu ghazel il-hwejjeg it tajbin u l ohrajn nehhihom. Ghamlulha karma gdida u anke poggewlha ir ritratt tat-tiegu fih. Jghid li martu l-appellant tiehu hsieb l-ommu u anke il-polyclinic tohodha. Ikkonferma li ommu cwievet tad-dar ghandha u tohodhom maghha meta tohrog. Qal li l-bicca l- kbira tiftah il-flat bic-cavetta ghalkemm jista' jaghti l-kaz meta ma tistax issib ic-cwievet u iccempel i-qanpiena jew thabbat il-bieb. Mistoqsi jahdmix qal li jahdem mis-7.00a.m. sal 5.00p.m. izda gieli jagheml part-time ukoll sat-8.00p.m. Qal li hu ma tantx ikun id-dar ma ommu matul il-gurnata izda gieli jmur jiehu xi café u jitla' mill-garage.

Mistoqsi jekk ommu kemm il-darba talbitux biex jitilqu mid-dar jghid li le qatt. Mistoqsi jekk qattx ircieva xi ittri minghand l-avukat tghha jghid li ma jafx bihom.

Rat illi fit-30 ta' Jannar, 2017 xehdet **Annabel Bugeja**, il-probation officer u pprezentat ir-rapport taghha a fol. 67. Ikkonfermat li l-appellanti kellha trobbija tajba hafna. Minn dejjem tmidd idejha id-dar sa min meta kienet ghadha zghira. Imbaghad bdiet ir-relazzjoni ma Lawrence, meta kellha erbtax-il sena illum zewgha u damu f'din ir-relazzjoni ghal sitt snin meta imbghad izzewgu u bnew familja flimkien.

Wara xi ghaxar snin zwieg kellhom problemi finanzjajri u kellhom ibieghu l-post taghhom u hadu decizjoni bhala koppja li jmorru jghixu ma omm ir-ragel Maria Catania.

Hija kelmet lill-parte civile u lill-appellanti u irrizulta li l-parte civile setghet qed tkun ta' tfixkil ghall-appellanti ghal hajjiet taghha ta' kuljum u l-appellanti tirrikorri ghat-ton li xejn ma hu pjacevoli u dan fil-konfront ta' Maria Cardona. Spjegat li i f'din l-intervista l-kwerelanti qalet ukoll dwar l-affarijiet tajba ta' l-appellanti pero' waqt l- intervista stqarret il-kliem bhal li hi 'imsawta', 'imkeccija', 'mhedda' u 'mahqura'. Wara ghamlet spezzjoni fil-fond fejn kien hemm ukoll l-appellanti. Dak kollu li bdiet tghid il-kwerelanti l-appellanti interpretatu b'ton negttiv. Jidher li hemm problema ta' komunikazzjoni bejnethom. Dan gab certu ansjeta' bejniethom ghaliex ghandhom karattri differenti minn ta' xulxin.

Spjegat li l-appellanti hija mara tad-dar, tqatta' hinijiet twal tnaddaf, ghandha fissazzjoni izomm il-post nadif u din it-tip ta' fissazzjoni tohloq problema specjalment meta l-vittma li gie indikat matul dan ir-rapport tqatta hinijiet twal barra tasal lura u forsi Jennifer per esempju tkun ghaddejja mill-facendi tax-xoghol u jaf tkun bhala tfixkil. Lawrence jghid li huwa kellu nuqqas kbir fil-familja tieghu, trobbija u sab dak li kellu neiqes fil-familja ta' Jennifer. Minhabba dan it-tindif kollu Jennfier ma zzommx stil ta' hajja funzjonali ma tqattax hin ta' kwalita' mal-familju lanqas ma tinvolvi ruhha f'attivitajiet socjali u dan ghaliex ghaliha huwa importanti tkun id-dar. Hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni fid-dar u ghalhekk l-istil ta' hajja ta' l-anzjana huwa meqjus bhala funzjonali. Ghalhekk kienet tal-fehma li l-appellanti tinghata trattament psikjatriku u psikologiku sabiex tindirizza l-problema skond dejjem kif ikun mehtieg.

Semgeht lill-partijiet jittrattaw il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-appellanti qed tikkontesta d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tax-xhieda mismugha minnha. L-aggravju principali tal-appellanti jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura

mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1]."; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[3]" u ohrajn)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[4]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[5]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[6]", inghad illi :-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju*

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 a't Frar 1989

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] ([1969] 1 QB 276)

[5] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[6] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

*ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellanti hatja tat-tielet akkuza u iliberata minnha u dan l-appell jikkoncerna is-sejba ta' htija fir rigward ta' l-ewwel u it-tieni akkuza.

Illi jirrizulta li l-appellanti hasset ruha aggravat minn din is-sentenza u tghid li l-ewwel Qorti ma kelliex ghalfejn issibha hatja ta' dawn iz-zewg akkuzi meta tqis kemm in effeti l-appellant u zewgha daru b'ommu tul dawn l-ahhar ghaxar snin. Il-kwerelanti tghid li kienet imkeccija mid-dar taghha stess pero' l-appellanti dan tichdu. L-kwerelanti tghid li kient tigi trattata hazin ghaliex kient mwerwra u mhedda mill-appellanti tant li kient tghaddi il-gurnata tigri barra sa filghaxija meta imbaghad kient tirrtorna lura d-dar sabeix tistrieh. Min naha l-ohra l-appellanti tghid li kient tnaddaf id-dar kollha issajjar u tipprovdi ghall-kwerelanti u li l-kwerealnti minkejja li m'hiex marida ma kienitx tghin fid-dar lanqas tahsel il-kikkra taghha.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, jidher u dan mhux in diskuss li l-appellanti ghandha fissazzjoni tal-indafa tant li skond il-probabtion officer issofri minn OCD. Dan mhux indubitat meta tqis li l-appellanti tahsel l-art kuljum. Mhux indiskuss lanqas li l-appellanti tipprovdi ghal bzonnijeit ta' kuljum tal-kwerelanti tant li tahslilha l-hwejjeg u tnadfilha l-karma u tippreparalha l-ikel. In fatti tghid li malli l-kwerealnti tirrotorna lura d-dar war gurnata barra tfittex siggu u toqghod hemm.

Pero' l-istorja ma tieqafx hemm m'hemmx dubbju li l-appellanti sforz l-istress taghha gieli tghajjar lill-kwerealnti u tghidilha li hija mahmuga. Dan hu ammess kemm minnha kif ukoll minn zewgha. Mod tghid li s-Sinjura Catania ma tinhasilx u hija trraskurata u mod tghajjarha mahmuga. Anke jekk huwa minnu li ma tinhasilx xorta ma tghajjarx bniedem mahmug molto piú meta tqis li s-sinjrua Catania tigi l-kunjata. Jirrizulta ukoll li l-appellanti tghajjar lil-kwerealnti 'qahba' din it-terminologija ukoll m'ghandhiex tifsira sabieha u hija zejda fic-cirkostanzi tal-kaz u cioe' fil-konfront ta' anzjana ta' sebghin sena li tghix fl-ambitu ta' familja u cioe' ta' binha u n-neputijiet. Il-Qorti b'dispjacir tara kif dak ix-xoghol kollu li tipprovdi l-appellanti jisfa' fix-xejn meta iggib ruhha b'dan il-mod u ghalhekk din il-Qorti wkoll taqbel mal-ewwel Qorti li ghandu jigi nominat psikologu biex jindirizza lill-appellanti fl-agir taghha u dan sbaeix jigi minimizzat l-inkwiet fil-familja.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik disposta fl-artikolu 251A, jinghad is-segwenti: Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi '*Protection of Harassment Act 1997*'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to ahrassing a person include alarming the eprson or causing the person distress.*

*In '**Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Time**s[7]', **Douglas Brown J** held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.*

*But in '**Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor**[8], , it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct':* **Lau vs DPP**[9]

*In '**Pratt vs DPP**'[10], it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given inc ivil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the*

---

[7] The Times 15th November 2000, QBD,

[8] The Times, 25th July 2001, CA (Civ.Div)

[9] (2000) 1 F.L.R. 799 DC.

[10] 165 J.P. 800 DC

*peculiar characteristics of the offender*.'

Fil-kaz in desamina jirrizutla bic-car kif sostniet l-ewwel Qorti li l-agir ripetitiv tal-appellanti fil-konfront tal-kwerelanti kien qiehed li minhabba l-imgieba taghha ikkagunalha biza li ser tintuza vjolenza konriha tant hu hekk li marret taghmel rapport ghand i-social worker li tant hasbet li l-kwistjoni kient serja li spiccat investigat il-kaz hi stess u sahasitra anke spicca f'idejn il-pulizija. M'hemmx dubbju ghalhekk li l-gudizzju ta' l-ewwl Qorti kien wiehed korrett f'dan ir-rigward.

Konsegwentement, il-Qorti m'hix tal-fehma kif stqarret l-appellanti li kien hemm konflitt ta' provi izda anzi addirittura l-versjoni tal-fatti kif spjegata mill-kwerelanti korrobroati mis-social worker u sa certu punt minn l-istsss appellanti u zewgha, huma veri u ghalhekk fid-dawl ta' l-istess qieghda tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fir-rigward htija kif ukoll rigward l-imposizjoni tal-ordni tal-probation ghaz-zmien mghoti u it-terminu hemm prefiss fl-ordni annessa ma l-ewwel Qorti ghal perjodu ta' sena li tibda isehh m'illum.

Tikkonferma ukoll l-ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 mahruga favur l-kwerelanti ghal perijodu ta' sena mill illum

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Parole u Proabation Services sabiex jigi nominat l-ufficcjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Jennfier Catania ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur